# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2446

**Kaz Nru. 3013/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Kevin Deguara (ID No : 85776 M)**

**u**

**Trelleborg Sealing Solutions**
**Malta Limited (C 388).**
**(Dwar tkeccija mill-Impieg**
**allegata li hi ngusta).**

**Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Kevin Deguara li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-18 ta' April, 2012. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-Rikorrenti kien assistit mill-Avukat Abigail Critien u ghas-Socjeta ntimata deher is-Sur Mario Ellul, li kien assistit mill-Avv. Veronica Galea Debono.**

Fl'-istqarrija tal-kaz ir-rikorrenti jghid, li kien ilu mpjegat mas-socjeta fuq bazi indefinittiva bhala finishing operator u dan orginarjament mill-1 ta' Ottubru, 2003.

Skond l-istqarrija tal-kaz tar-rikorrenti, il-kaz inkwestjoni sehh matul ix-xift bejn 2.00p.m. u l-10.00p.m. fil-lejl tal-4 ta' Frar, 2012 fejn ir-rikorrenti kien xoghol u tellgha l-produzzjoni kollha mitluba minnhu u rrekordja l-ammont préciz ta' l-ammont ta' bcejjec prodotti, izda s-socjeta ntimata akkuzatu li kien hemm diskrepanza ta' 14 il-cycle min-numru ta' cycles li huwa ddikjara bil-miktub u dan bi ksur ta' klawsola 18(b) tal-Ftehim Kollettiv vigenti bejn is-socjeta intimata u l-General Workers Union.

Ir-rikorrenti jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li s-socjeta sabithu hati ta' ksur tal-klawsola tal-Ftehim Kollettiv citata hawn fuq li tghid "L-impjegati kollha huma obbligati li jaghtu l-ammont korret ta' bcejjec prodotti. In-nuqqas li wiehed jirrekordja jew qerq f'dak li jirrekordja (ghal finijiet ta' carezza, li wiehed jirrekordja l-ammont korrett ta' bcejjec prodotti jinkludi li wiehed jirrekordja l-informazzjoni fis-sistema kompjuterizzata tal-kumpanija) iwassal ghal azzjoni dixxiplinarja severa, li tista' twassal ghat-tkeccija.

Fl'istqarrija tieghu huma jghid ukoll, illi mill-qari tal-istess klawsola li fuqha safa mkecci jirrizulta bl-aktar mod car, li l-mertu tal-istess klawsola hija l-produzzjoni u n-numru ta' bcejjec prodotti u hija

applikabbli biss f'kaz li l-impjegat jiddikjara b'mod zbaljat in-numru ta' bcejjec prodotti.

Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li ddikjara n-numru ta' bcejjec prodotti b'mod korrett u ghalhekk, il-produzzjoni tas-socjeta intimata ma giet effettwata bl-ebda modd.

Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li anke kieku wiehed kellu jaccetta li n-numru ta' bcejjec prodotti ddikjarati ma kienx wiehed korrett, meta jigi kkunsidrat is-servizz twil li kien ilu mal-kumpanija, hija setghet kkunsidrat mizuri ohra ta' dixxiplina minflok dik ta' terminazzjoni ta' l-impieg.

Invista ta' dan, ir-rikorrenti talab lit-Tribunal Industrijali, biex jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet wahda ngusta u bi ksur tal-ligi.

Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' Kevin Deguara kienet wahda gusta. Is-Socjeta tghid ukoll, li l-impieg tar-rikorrenti gie terminat skond l-Artiklu 18 (b) tal-Ftehim Kollettiv vigenti bejn is-Socjeta ntimat u l-General Workers Union.

Is-Socjeta tghid ukoll, li waqt il-proceduri dixxiplinariji li ttiehdu fil-konfront tar-rikorrenti jirrizulta b'mod car, illi nizzel informazzjoni falza u kien hemm qerq da parti tieghu fir-recordings li nizzel fis-sistema tal-

kumpanija fir-rigward tal-produzzjoni tieghu u ghalhekk l-impieg tieghu gie gustament terminat.

Is-Socjeta tghid ukoll, li l-agir abbuziv ghall-ahhar u l-qerq kommess mir-rikorrenti, mhux biss irrizulta f'nuqqas serju ta' produzzjoni, izda irrizulta wkoll fi spejjes kbar ghal kumpanija (inkluz hela ta' liquid nitrogen, u danni ta' wear and tear fil-magni minhabba under utilization), u dana kollu kif ser jigi ppruvat u spjegat fid-dettal waqt il-kaz.

Is-Socjeta tghid ukoll, li kien ghalhekk il-kumpanija kienet altru milli gustifikata meta ddecidiet li tittermina l-impieg tar-rikorrenti u kienet anke konfortata nternament mill-klawsola 18 (b) tal-Ftehim Kolletiv fejn hu ovvju li l-ghan ta' din il-klawsola hija propju, li tevita u twaqqaf dawn it-tip ta' abbuzi u dan it-tip ta' qerq u fejn hu imnizzel car daqs il-kristall li dawn l-istess abbuzi u qerq jistghu jwasslu ghat-tkeccija tal-impjegat.

Mill-provi jirrizulta li ir-rikorrenti kien ilu mpjegat mas-socjeta mill-2003, bhala finishing operator.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti saret wara li ghadda process ta' dixxiplina u ddecizjoni ttiehdet mis-Sur Louis Farrugia li jokkupa il-grad ta' Commercial Director fejn f'rapport li ghamel jghid, li l-qofol tal-kaz huwa jekk sarux ic-cycles li gew iddikjarati bil-miktub mir-rikorrenti, fejn mill-provi li gew quddiemu jirrizultalhu, li r-rikorrenti ddikjara cycles aktar milli kien ghamel.

Ir-rapport jghid ukoll, li l-management wasal ghal kemm saru çycles billi ghamel uzu minn data logger. Fir-rapport tieghu huwa jghid, li jixtieq jghamel referenza ghal punt mqajjem mill-Union li dan jikser id-data protection ta' l-impjegat. Huwa jghid ukoll fir-rapport tieghu, li jhoss li fil-kaz inkwestjoni d-data protection ma hiex relevanti. Il-Commercial Director fir-rapport tieghu jghid ukoll, li l-management ghandu kull dritt jiccekkja u jinvestiga dwar l-uzu tal-makkinarju tieghu.

Fir-rapport tieghu huwa jkompli jghid, li t-tip ta' data logger li uza l-management huwa wzatt f'diversi industriji nkluz f'Malta. Huwa jghid ukoll, li barra li ghamel ricerka fuq dan it-tip ta' data logger, riedt ukoll personalment jassigura lilu nnifsu l-integrita u kemm wiehed jista joqghod fuq dan l-apparat u biex jassigura dan, kien irranga li wahda mill-magni nkwestjoni titwaqqaf diversi drabi matul ix-xift halli l'ghada jara kif dan il-waqfien jigi rrekordjat mid-data logger. Huwa jghid ukoll, fir-rapport tieghu, li r-rizultat kien mija fil-mija ezatt jew ahjar préciz.

Fir-rapport tieghu huwa jghid ukoll, li mix-xhieda li semgha u li giet ipprezntata quddiemu, kien konvint li c-cycles li gew dikjarati mir-rikorrenti fil-fatt ma sarux. Fir-rapport tieghu huwa ghamel riferneza ghal-Ftehim kollettiv in vigore bejn il-kumpanija TSS Malta u l-GWU – klawsola 18 paragrafu (b) f'pagna 15 fejn hemm miftiehem li l-impjegati kollha huma obbligati li jaghtu l-ammont korret tal-bcejjec prodotti. In-nuqqas li wiehed jirrekordja jew qerq f'dak li jirrekordja jwassal ghal azzjoni dixxiplinarja severa li tista twassal ghat-tkeccija.

Il-Commercial Director jghalaq ir-rapport tieghu fejn id-dikkjara it-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti.

Mill-provi li tressqu minn naha tal-management jinghad, li meta l-produzzjoni kienet tohrog mill-moulds u kien jitpogga fuq racks, kien qed jigi nnuttat li dan ix-xoghol kien qed idumm ma jonqos b'certa ammont, anzi l-management jghid li minflok li kien qed jonqos kien qed jizdied, ghaldaqstant beda jinvestiga din is-sitwazzjoni u wahda mis-sitwazzjonijiet li beda jinvestiga kienet dik li jara jekk il-magni li jintuzaw fil-process ta' wara jigifieri, dawk ta' cryogenic u Satima kienx qed jigi utilizzat il-massimu taghhom.

Ghaldaqstant, fix-xhieda tieghu l-management jghid, li biex jara l-magna kienitx qed tintuza erbgha u ghoxrin siegha kuljum, gie nstallat data logger li permezz tieghu jigi stabbilit, permezz li jirrekordja kull cycle li jsir, li jfisser li jigi ddikjarat kemm tkun qed tintuza l-magna u dan jigi mqabbel mal-karti tal-produzzjoni li jkun qed jimmarka li

ghamel l-operator. Fix-xhieda tieghu l-management jghid, li l-ammont ta' produzzjoni li ssir tigi kkalkulata minn numru ta' cycles li jkunu saru, dan kien iffisser li jekk il-haddiem jiddikkjara li jkunu saru numru ta' cycles meta fil-fatt ma jkunux saru jkun iffisser, li ma jkunx ghamel il-produzzjoni rikjesta u ghaldaqstant, meta jsiru cycles anqas ikun iffisser li l-produzzjoni rikjesta ma kienitx qed tigi milhuqa. Fix-xhieda tieghu l-management ikompli jghid, li mill-investigazzjonijiet li ghamel irrizulta, li kien hemm diskrepanzi minn dak li kienet qed timmarka d-data logger li kien gie mwahhal fil-magna, ghal dak li kien qed jimmarka l-operator u li ghal management dan kien iffisser, li kien hemm waqtiet fejn il-magna ma kienitx qed tithaddem il-hin kollu li kien qed iffisser, li kien hemm numru sostanzjali ta' sieghat li l-operator ma kienx qed ihaddima u kien ghalhekk li r-racks tal-prodott kienu qed jizdiedu li jfisser, li l-produzzjoni rikjesta li kellha ssir mill-operator ma kienitx qed issir. Fix-xhieda tieghu l-management jghid ukoll, li dan kien iffisser li l-operator involut f'dan il-kaz kien qed jonqos minn xogholhu u kienet ghal din ir-raguni li gie deciz, li jittiehdu l-passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrenti.

Mill-provi jirrizulta wkoll, meta l-management iddecieda li jinstalla d-data logger mal-magni, ma kienx informa lill haddiema li kien ghamel din is-sistema biex jghamel monitoring fuq il-produzzjoni. Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul il-process tad-dixxiplina r-raprezzentanti tar-rikorrenti talbu lill management biex jipproduci dokumentazzjoni ta' l-ammont ta' produzzjoni li kien ipproduca ir-rikorrenti. Mill-istess provi jirrizulta, li t-twegieba tal-management ghal din it-talba kienet li dan

ma kienx relevanti ghal kaz ghar-raguni, li l-ammont ta' produzzjoni setgha jkun gholi peress li jghabbu l-magna b'ammonti eccessiv ta' "O" rings. Mill-provi jirrizulta wkoll, li jekk ikun hemm ammont eccessiv fil-magna jistgha jkun il-kaz li l-produzzjoni tohrog diffettuza.

Matul is-smigh tal-provi ghan-naha tar-rikorrenti, giet michuda l-allegazzjoni tal-kumpanija li huwa irregistra cycles aktar milli effettivament kien ghamel u gie mishuq li in-numru ta' cycles li kien irregistra kien ezatt kemm kien ghamel cycles fil-magna.

Matul is-smigh tal-provi, ma jirrizultax li l-kumpanija akkuzat lir-rikorrenti b'nuqqas ta' kwalita ta' produzzjoni jew bi kwalita hazina ta' produzzjoni.

It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u l-ewwel li jikkunsidra, li r-rikorrenti kien ilu mpjegat mas-Socjeta ghal diversi snin u ma jirrizultax li hu qatt kellu xi kazi ta' dixxiplina.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li d-diversi akkuzi li ghamlet is-Socjeta fil-konfront tar-rikorrenti, fejn akkuzathu li l-kumpanija sofriet spejjez kbar li jinkludi, hela ta' liquid nitrogen u danni ta' wear and tear fil-magni, dawn l-akkuzi la gew kwantifikati u lanqas ippruvati. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-kumpanija lanqas ikkwantifikat l-ammont ta' nuqqas ta' produzzjoni u kemm kien hemm produzzjoni li kienet diffettuza.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-aspett li gie mqajjem mir-rikorrenti li kien hemm ksur tad-data protection, meta s-socjeta installat data logger, biex tghamel monitoragg ta' kemm attwalment kienet ghamlet cycles il-magna. Dwar dan il-punt, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li s-socjeta ghanda kull dritt li tinstalla kull makkinarju biex tizgura li ssir l-produzzjoni rikjesta, izda f'dawn il-kunsiderazzjonijiet dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li dan isir bil-habi tal-haddiema ma hix prattika tajba li tistgha zzomm armonija fir-relazzjonijiet industrijali, il-modd kif il-management implimenta din is-sistema twassal, biex il-haddiem ihossu li mhux fdat u tnissel sfiducja fir-relazzjonijiet bejn l-management u l-impjegat. Dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li kien ikun ahjar li meta l-management kien qed jissuspetta li l-impjegat kien qed jirregistra cycles aktar milli effettivament kien qed jghamel, il-management kien ilaqqgha lill-impjegati, jghidilhom bis-susspett tieghu, jghidilhom ukoll bil-konsegwenzi li kienet qed isofri il-kumpanija u jghidilhom ukoll li biex jigi zgurat, li ma kienx qed isir abbuz kien se jitwahhal data logger biex jigi zgurat u kkonvalidat li verament ic-cycles li kienu qed jigu irregistrati mill-impjegat kienu verament qed isiru. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jhoss, li fil-waqt li l-management setgha jintroduci is-sistema tad-data logger biex jizgura li c-cycles tal-magna kienu verament qed isiru, pero ma kienx korrett bil-modd kif implimenta din is-sistema u kien ikun ahjar li din giet introdotta kif spjega dan it-Tribunal Industrijali.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif jirrizulta mill-provi l-management gie instigat li jinstalla d-data logger, wara li beda jigi nnutat li kieku l-impjegat kien qed jirregistra in-numru ezatt ta' cycles li kien qed jghamel, li kieku l-produzzjoni ma kienitx taqa lura. Dan is-susspett tal-management gie ppruvat meta gew installati id-data loggers u waslet li kien hemm deskripanza bejn dak li irregistrat id-data logger ma dak li kien qed jirregistra l-impjegat, fejn l-impjegat kien qed jirregistra cycles aktar minn dak li irregistrat id-data logger.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali meta jezamina din il-prova jasal ghal konkluzzjoni li dawn il-provi jindikaw li l-impjegat kien qed jirregistra cycles aktar milli effettivament kien qed jghamel.

Invista ta' din il-prova dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni, li kien hemm provi bizzejjed biex l-managment jinizjali proceduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrenti. Izda f'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll Klawsola 18 (b) fejn tghid " L-impjegati kollha huma obbligati li jaghtu l-ammont korrett ta' bcejjec prodotti. In-nuqqas li wiehed jirrekordja jew qerq f'dak li jirrekordja (ghal finijiet ta' carezza, li wiehed jirrekordja l-ammont korrett ta' bcejjec prodotti jinkludi li wiehed jirrrekordja l-informazzjoni fis-sistema kompjuterizzata tal-Kumpanija) iwassal ghal azzjoni dixxiplinarja severa, li tista' twassal ghat-tkeccija.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, jikkunsidra wkoll iz-zmien kollu li ir-rikorrenti kien ilu mpjegat mal-Kumpanija u li matul dan iz-zmien ma tressqu l-ebda prova li hu kellu xi kazi ohra ta' dixxiplina, kif ukoll meta dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll li l-Kumpanija ma ppruvatx li sofriet danni kbar kif allegat, kif ukoll li l-Kumpanija naqset li tikkwantifika l-ammont ta' nuqqas ta' produzzjoni u l-ammont ta' produzzjoni diffettuza u meta dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-istess klawsola tad-dixxiplina kif citata hawn fuq ma hix tassativament li tirrikjedi is-sanzzjoni massima ta terminazzjoni ta' l-impieg, dan it-Tribunal Industrijali isib u jasal ghal konkluzzjoni, li meta tikkunsidra ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-terminazzjoni ta' l-impieg kienet wahda harxa u ngusta u l-kumpanija setghet ikkunsidrat mizuri ohra ta' dixxiplina minflok daqstant harxa ta' terminazzjoni ta' l-impieg.

Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li r-rikorrenti ghandhu jigi moghti l-impieg lura fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni u l-perjodu kollu li ilu barra mill-impieg ghandu jitqies sospensjoni bla hlas bhala mizura ta' dixxiplina.

Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibli li dan il-Kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.

Ghall-finijiet ta' Avviz legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Harold Walls

Chairman

M'Rose Galea

Segretarju

Data 21st. October 2016